# LIL MALTA

## TAL-LUM U TA' GĦADA

*Malta fior del mondo*
(Qawl ta' qabel żmienna)

Kont il-warda tad-dinja w sirt bħal miżbla;
minn kull xorta ta' qżież dieħel ġe' fik:
inti tilqgħu u tifraħ, mara belha!
u d-dinja tidħak bik.

Fejn hu l-għaqal tar-rġiel? Fejn hi tan-nisa
il-mistħija fil-ħars, fil-kliem, fil-lbies?
X'sar minnha l-warda tax-xbubija? Ahi qada!
kollox irmejt bla qjies,

għax ruħek mardet. Mingħajr ebda rażan
is-semm barrani dieħel ġe' l ibliet,
u ż-żgħażagħ tiegħek jixorbuh u jiskru,
jitkasbru bid-dnubiet,

u s-semm joktor u jiġri, u miexja l-pesta
fir-rħula wkoll u jmut quddiemha s-sliem:
ma fadallek lil ħadd min jilqa' l-ħsara,
għax ma baqagħx ħlief kliem.

U qalbek birdet, għax m'għadhiex issaħħnek
dik l-Emna mqaddsa li fil-jum tal-hemm
kissret l-għodda tal-għira w fuq Sant'Jermu
kitbet storja bid-demm

u rebħet għadu li ħadd ma kien rebaħ:
inti kollox niġġist, djar u triqat;
sa fis-satra tal-Knisja ddaħħal miegħek
il-kesħa tal-frugħat.

Oh! meta jasal bit-tifkira mqaddsa
Settembru mbikki u fl-oqbra minsijin
jitħarrek bi tnehida twila l-għadam
ta' dawk il qalbenin,

isma' minni, tersaqx bit-tifħir f'fommok,
bir-rand f'idejk quddiem il-Monument:
jiena ngħidulek: Gidba sar tifħirek,
u gidba l-Monument;

għax jiena rajthom lil misserijietna,
erwieħ ħosbiena, jduru ma' l-iswar,
ħarsthom miksura, marbutin dirgħajhom
fuq isdra tal-azzar,

ifittxu, jfittxu l-wirt li ħallew huma,
u jxenglu rashom għax ma rawh imkien;
u reġgħu niżlu ġe' qabarhom, ħiemda,
bħal min tilef iż-żmien.

Maltɑ! Jekk għadu ma nkitebx fis-sema
għalik il-ħaqq li mess lil Babilôn, (1)
arġa' lura fuq triqtek: Min ifejjqek
jistenniek ġe' Sijôn.

DUN KARM.

15—XI—34

(1) Curavimus Babylonem et non est sanata; derelinquamus eam.
Dorna biha lil Babilôn u ma fiqetx; inħalluha.

Ger. c. 51 v. 9.